# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju 2001**

**Numru  80**

**Citaz.  numru:  388/95 M1 NA**

**Josette Farrugia**

**vs**

**Grazio Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-23 ta' Marzu 1995 fejn ippremettiet:

"Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fl-4 ta' Mejju 1986;

Illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi inoltre l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kontendenti ssimula l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fl-4 ta' Mejju 1986 huwa null u bla ebda effett fil-ligi;

TALBET li dina l-Qorti, ghar-ragunijiet fuq premessi:-

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fl-4 ta' Mejju 1986 huwa null u bla ebda effett legali, u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha w il-lista tax-xhieda.

Il-konvenut waqa' kontumaci izda ggustifika l-kontumacja tieghu u fis-seduta tat-3 ta' Gunju 1997 il-Qorti kkoncedietlu l-fakolta' li jipprezenta n-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tieghu.

Fl-istess Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentata fl-20 ta' Gunju 1997 huwa eccepixxa:

1. "Illi t-talba ta' l-attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, billi r-ragunijiet allegati mill-attrici ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg ma jezistux;

2. Illi, bla pregudizzju ghall-premess, kienet l-istess attrici li agixxiet fil-konfront ta' l-eccipjenti kif hija tallega li mexa maghha hu, u, ghalhekk, jekk hemm xi raguni ghall-annullament taz-zwieg, dan ghandu jkun attribwibbli ghaliha;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Fis-seduta tat-8 ta' Lulju 1997 il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottoressa Veronica Galea Debono biex tigbor il-provi u tirrelata. Il-Perit Legali halfet ir-relazzjoni taghha fis-seduta tas-7 ta' Frar 2001 u l-kawza giet differita ghas-sentenza in

difett ta' ostakolu wara li d-difensur ta' l-attrici kien irremetta ruhu ghar-rapport peritali filwaqt illi l-konvenut u d-difensur tieghu ma dehrux. Fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2001 regghet dehret biss l-attrici assistita u f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tara li hemm ebda ostakolu biex is-sentenza tinghata kif sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Perit Legali zammet xejn anqas minn sittax-il seduta fejn semghet il-provi tal-partijiet u dan apparti milli kkunsidrat dawk il-provi ta' l-attrici li gew ipprezentati b'affidavit permezz ta' nota tal-31 ta' Lulju 1997.

Wara li kkunsidrat dawn il-provi ezaminat in-nullita' ta' dan iz-zwieg l-ewwel taht l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Hija kkunsidrat dan is-sub-inciz sew mill-aspett dottrinali sew fil-parametri ma' dak deciz mill-Qrati taghna f'sentenzi precedenti. Hija dehrilha illi: "*Illi mehud dan kollu in konsiderazzjoni u tenut kont ta' dak li ntqal izjed 'il fuq, l-esponenti hija tal-fehma li l-attrici meta tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg mal-konvenut ma kenitx matura bizzejjed biex tifhem u tapprezza dak kollu li jgib mieghu z-zwieg, u*

*partikolarment id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.*" U aktar tard: "*L-esponenti hija konvinta li l-attrici ma kenitx a konoxxenza tat-tifsira vera taz-zwieg u ta' l-effetti kollha tieghu fil-mument li tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg, u dana minhabba ragunijiet ta' immaturita' ovvji meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-eta' u l-esperjenza tal-hajja li kellha, jew ahjar li ma kellhiex.*" Hija skartat il-verzjoni moghtija mill-konvenut u kienet tal-fehma: "*Jekk l-attrici ma kenitx matura bizzejjed biex tifhem x'kienu l-implikazzjonijiet taz-zwieg, zgur li dan ma jistax jinghad ghall-konvenut, li donnu fl-ebda mument ma dahlitlu f'rasu li l-attrici setghet kient zghira w immatura wisq biex tizzewweg.*" Dan nonostante fl-opinjoni taghha l-kunsens tal-konvenut xorta kien wiehed ivvizzjat taht dan is-sub-inciz peress illi: "*minhabba li kien nieqes mill-konoxxenza ta' l-impenn ghall-futur li jgib mieghu z-zwieg u li jitraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta' u fiducja, il-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-benessere reciproku bejn il-mizzewgin, u cioe', dawk l-obbligazzjonijeit li minghajrhom unjoni intima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh.*" Fil-konkluzzjoni taghha tissottometti illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju

fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha.

Fir-rigward invece tal-kunsens tal-partijiet taht is-sub-inciz (f) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta hija waslet ghall-konkluzzjoni illi mill-provi prodotti "*l-esponenti hija tal-fehma li ma giex ippruvat li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u ghalhekk iz-zwieg bejn il-kontendenti ma jistax jigi dikjarat null a bazi ta' dan l-Artikolu tal-ligi*", u dan wara li kkunsidrat il-kuncetti tas-simulazzjoni totali u tas-simulazzjoni parzjali tal-kunsens tal-partijiet f'dan iz-zwieg b'riferenza partikolari wkoll ghall-gurisprudenza taghna.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti tikkondividi l-opinjoni ta' l-istess Perit Legali.  L-attrici ltaqghet mal-konvenut meta kellha biss 16-il sena, wara ftit tgharsu u ta' 17-il sena kienu diga' zzewgu.  L-inkwiet fiz-zwieg beda kwazi mill-bidu u minkejja li normalment dak li jigri wara z-zwieg jista' jkun biss raguni valida ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet fejn dan l-inkwiet ikun immedjat wara

z-zwieg jirrifletti fuq il-kunsens tal-partijiet fil-mument meta dak il-kunsens ikun gie moghti.  Huwa effettivament mera ta' dak li kellhom f'mohhom il-partijiet f'dak il-mument ghax fil-maggior parti tal-kazijiet dan jista' jigi biss stabbilit minn ezami tal-komportament tal-partijiet immedjatament qabel u immedjatament wara li jkun inghata l-kunsens taghhom.

Ghal dawn ir-ragunijiet in aggiunta ma' dawk moghtija mill-Perit Legali din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fl-4 ta' Mejju 1986 huwa null u bla effett legali.

Fic-cirkostanzi tal-kaz u tenut kont tat-tortijiet rispettivi tal-partijiet il-Qorti jidhrilha illi l-ispejjes tal-kawza ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.